MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 560/2014

**GO p.l.c.**

**Vs**

**CEL Travel [P591]**
**Joseph AZZOPARDI**
**Inter-Meditour Limited [C15267]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-18 ta' Awwissu, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' tlett mija hamsa u tmenin euro u centezmu wiehed [€385.01c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuti ghandhom jaghtu, in solidum bejniethom, lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u tmenin Ewro u centezmu (€385.01) in konnessjoni ma' 21338980 u 21342252 (AC 10087762 u AC 10089657 – AT6914/83 – CN238396).

Illi nterpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghal hlas, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza".

Fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014, l-intimat Joseph Azzopardi deher u ddikjara li huwa kien qieghed jidher ukoll f'isem l-intimati l-ohra. L-intimat waqt dik is-seduta talab ftit taz-zmien sabiex jirregola l-posizzjoni tieghu, ghal liema talba d-difensur tas-socjeta rikorrenti ma opponiex. It-Tribunal laqa' t-talba.

Minkejja dan, l-intimati baqghu ma rregolarizawx il-posizzjoni taghhom u baqghu ma pprezentawx risposta f'dawn il-proceduri minkejja li lkoll kienu gew notifikati fit-3 ta' Settembru, 2014 (fol. 27).

Ra l-verbal datat 28 ta' Jannar, 2015 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tal-prezenti Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimati l-hlas tas-somma ta' tlett mija hamsa u tmenin euro u centezmu wiehed [€385.01c] in solidum bejniethom, in konnessjoni ma' 21338980 u 21342252 (AC 10087762 u AC 10089657 – AT6914/83 – CN238396). L-intimat Joseph Azzopardi, meta deher quddiem it-Tribunal fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014, ddikjara li huwa kien qieghed jidher ukoll f'isem l-intimati l-ohra. L-intimat waqt dik is-seduta talab ftit taz-zmien sabiex jirregola l-posizzjoni tieghu, ghal liema talba d-difensur tas-socjeta rikorrenti ma opponiex. It-Tribunal laqa' t-talba. Minkejja dan, l-intimati baqghu ma rregolarizawx il-posizzjoni taghhom u baqghu ma pprezentawx risposta f'dawn il-proceduri minkejja li lkoll kienu gew notifikati fit-3 ta' Settembru, 2014 (fol. 27). Sussegwentement, waqt id-deposizzjoni tieghu, l-intimat Azzopardi qal li s-socjetajiet intimati ma ghadhomx jezistu u li huwa ma kienx jirraprezentahhom.

2. **Charmaine Wiffen**, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti qalet li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti f'dawn il-proceduri ghadu dovut

fl-intier tieghu. Ix-xhud esebiet d-dokument li gie mmarkat bhala dok. CW1 (fol. 34) li jikkoncerna l-kont bin-numru 10087762, wiehed mill-kontijiet li tieghu s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas f'dawn il-proceduri. Qalet li fit-12 ta' Frar 2008, l-intimat Joseph Azzopardi iffirma payment programme agreement ghan-nom tas-socjeta intimata CEL Travel. Ziedet tghid li "*sallum dan l-ammont baqa ma thallasx*" (fol. 32). Ix-xhud stqarret li l-intimati ma kienux qeghdin ihallsu l-kontijiet taghhom u ghalhekk il-linji relattivi gew skonnetjati.

3. **L-intimat** qal li huwa kien direttur fis-socjetajiet intimati. Qal li kien hemm xi zmien fejn huma ghalqu n-negozju u ma baqawx juzaw il-linji tat-telefon. Qal li parti mill-linji li kienu juzaw qabel zammewhom u ittiehdu fil-kumpanija l-gdida filwaqt li ghall-kumplament tal-linji l-ohra huwa kien iffirma t-transfer form relattiva sabiex ukoll iduru ghal fuq din il-kumpanija l-gdida li mar jahdem maghha "*... pero t-transfer form ma setghatx tigi accetata mis-socjeta rikorrenti peress li ma kienx hemm il-kontijiet kollha mhallsa*" (fol. 33) u "*kellna ngibuhom zero pero ma gewx*" (fol. 33).

4. Fis-seduta tat-28 ta' Jannar, 2015 it-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza u dan peress li l-intimat Joseph Azzopardi ried jipprezenta dokument, liema talba intlaqghet. Dan id-dokument, li gie mmarkat bhala dok. AJ 1 (fol. 36) huwa identiku ghad-dokument ipprezentat mir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2014. L-intimat attira l-attenzjoni tat-Tribunal ghal kliem miktuba fuq dan id-dokument u cioe "*March Paid, April Paid*" fuq in-naha tal-lemin ta' dan id-dokument. Qal li s-sena ta' dawn ix-xhur imsemmija hija s-sena 2009.

   Ikkunsidra ulterjorment;

5. It-Tribunal ra d-dokumenti, senjatament l-istatement of accounts, u l-kuntratti li permezz taghhom s-socjeta rikorrenti kienet qablet li jigu installati n-numri telefonici in kwistjoni. Ra ukoll li dawn id-dokuemnti kollha gew iffirmati mill-intimat Joseph Azzopardi. Ra ukoll li l-istess intimat qabel li mill-ghaxar (10) linji li kienu jintuzaw mis-socjetajiet intimati kien hemm xi ftit minnhom li ma gewx trasferiti ghal fuq il-kumpanija l-gdida li mar jahdem maghha u dan peress li kien ghad hemm pendenzi ghar-rigward taghhom. Ghar-rigward tad-dokument li esebixxa l-intimat fis-seduta tat-28 ta' Jannar, 2015 (dok. AJ 1) a fol. 36, it-Tribunal diga rrileva li dan huwa identiku ghal dak ipprezentat mir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti Charmaine Wiffen (dok. CW 1 a fol. 34). Meta xehdet hija qalet li "*sallum dan l-ammont baqa ma thallasx*"

(fol. 32). It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita minn din ix-xhieda tar-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti anke l-ghaliex, la l-intimat u lanqas is-socjetajiet l-ohra intimati ma resqu bizzejjed provi sal-grad rikjest mil-ligi biex jikkonvincu lit-Tribunal li xi parti mill-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti thallas.

6. Ghalhekk it-talba tas-socjeta rikorrenti sejra tintlaqa.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal filwaqt li qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti, qieghed jikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-istess socjeta rikorrenti s-somma ta’ tlett mija hamsa u tmenin euro u centezmu wiehed [€385.01c] bl-imghaxijiet jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mit-18 ta’ Awwissu, 2014, data tal-prezentata ta’ din it-Talba, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu sopportati mill-intimati ukoll in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------